## 24 ta' April, 1950

**Imħallfin:**

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Joseph Vassallo et.** *versus* **Avv. Dr. Victor R. Sammut et. ne.**

**Testment — Dispożizzjoni — Insanità Mentali — Kapaċitajiet — Suġġestjoni — Perizja Psikjatrika — Prova — Ċitazzjoni — Kawżali — Art. 604 (2) tal-Kodiċi Ċivili, u Art. 155 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-prinċipji li għandhom jirċievu applikazzjoni f'każijiet ta' impunjazzjoni ta' testmenti mħabba insanità mentali tat-testatur huma:*

*1. Illi l-kapaċità li wieħed jagħmel testment hija r-regola u l-inkapaċità hija l-eċċezzjoni, u għalhekk il-preżunzjoni hija favur il-kapaċità; liema preżunzjoni hija "iuris tantum"; 2. Illi huma inkapaċi li jiddisponu b'testment dawk li fi żmien it-testment ma jkunux f'sensihom, u illi l-inkapaċità tat-testatur għandha tiġi ppruvata minn min irid jimpunja t-testment; 3. Illi biex it-testatur ikun kapaċi jagħmel testment ma hemmx bżonn li jkun perfettament u rigorożament san minn moħħu, imma huwa biżżejjed li jkollu l-użu tar-raġuni fi grad tali li jippermettilu jkun jaf x'inhu jagħmel; 4. Illi biex tiġi stabbilita l-insanità mentali tat-testatur hemm bżonn li jirriżultaw indizji gravi; 5. Illi l-Qrati Tagħna dejjem kienu renitenti li jammettu d-domandi biex jiġi annullat testment minħabba insanità mentali tat-testatur jekk dik l-inkapaċità ma tkunx irriżultat b'mod ċert minn fatti preċiżi u univoċi, u ma jkunx ġie pruvat li kienet teżisti fil-mument li t-testatur kien qiegħed jagħmel it-testment.*

*Gie żmien li l-Qrati rritenew li mà jistax jiġi affidat lill-periti l-ġudizzju dwar il-kapaċità mentali ta' persuna li tkun mejta meta*

*tiġi ordnata l-perizja. Però aktar reċentement ġie ritenut li mhix inammissibili l-prova per mezz ta' periti f'materja ta' impunjazzjoni ta' testment ta' min ikun miet.*

*Il-kawżali fiċ-ċitazzjoni għandha tkun espressa b'mod ċar u ċert, u d-domanda tista' tiġi milqugħa biss fuq dik il-kawżali ċara u ċerta, u mhux fuq kawżali ġenerika bħal ma hija dik li tiġi riportata bil-kliem "u għal kull raġuni oħra li tirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża"; u għalhekk, meta d-domanda ta' impunjazzjoni ta' testment hija bażata fuq l-insanità mentali tat-testatur, ma tistax dik id-domanda tiġi meħuda in konsiderazzjoni fuq il-motiv ta' kaptazzjoni jew suġġestjoni, avvolja fiċ-ċitazzjoni jkunu ġew użati dawk il-kliem "u għal kull raġuni oħra li tirriżulta waqt il-kawża".*

*Ir-raġjonevolezza tad-dispożizzjonijiet kontenuti fit-testment hija l-kriterju li għandu jwassal lill-ġudikant biex jiddeċidi dwar l-insanità mentali jew le tat-testatur, jiġifieri biex jiddeċidi jekk fil-waqt li kien qiegħed jagħmel it-testment it-testatur kellux koxjenza biżżejjed ta' dak li kien qiegħed jagħmel u volontà li jiddetta dawk id-dispożizzjonijiet li hemm fit-testment.*

*Fuq l-iskorta ta' dawn il-prinċipji, fil-każ preżenti, il-Qorti ta' l-Appell żammet u qatgħet illi t-testatriċi ma kienetx mentalment inkapaċi meta għamlet it-testment; u dan kuntrarjament għal dak li kienu rritenew il-periti, anki addizzjonali, adoperati mill-Ewwel Qorti, li kienet adottat il-fehma tal-periti bis-sentenza tagħha, li ġiet għalhekk revokata.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re, fejn l-atturi, wara li ppremettew illi 'l-fuq imsemmija Maddalena Vassallo, b'testment fl-atti tan-Nutar Dottor Antonio Galea tas-27 ta' Lulju 1939, wara li rrevokat id-dispożizzjonijiet testamentarji tagħha preċedenti, iddisponiet minn ħwejjiġha taħt forma ta' legati; liema testment ġie modifikat b'ieħor fl-istess atti tas-17 ta' Awissu 1939; u li t-testatriċi ma kellhiex il-kapaċità mentali meħtieġa meta għamlet dawk it-testmenti, li saru fiż-żmien qrib il-proċeduri ta' l-interdizzjoni tagħha u fil-waqt li kienet tissussisti l-kawża li għalxha ġiet interdetta; talbu li jiġi dikjarat u deċiż illi ż-żewġ testmenti fuq indikati huma nulli u mingħajr effett, għar-raġunijiet fuq imsemmija u għal kwalun-

kwe raġuni obra li tirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża B'riżerva ta' drittijiet ohrajn, u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-10 ta' Ottubru 1946, li biha kkonfermat il-perizja u laqgħet it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi t-testmenti mpunjati ġew magħmulin mill-imsemmija Maddalena Vassallo, l-ewwel wieħed fis-27 ta' Lulju 1939, u t-tieni wieħed fis-17 ta' Awissu ta' l-istess sena; jiġifieri tliet ġimgħat wara. Allura Maddalena Vassallo kellha sebgħin sena magħluqa, għaliex jirriżulta li twieldet fit-28 ta' Settembru 1868;

Illi fix-xahar ta' Ottubru ta' l-1939 l-atturi talbu l-interdizzjoni ta' l-istess Maddalena Vassallo, għar-raġuni ta' inkapaċità għall-attijiet tal-ħajja ċivili. Is-Sekond'Awla ta' dik il-Qorti nnominat lill-Professur Victor Vassallo bħala perit psikjatra sabiex jirrelata fuq l-istat mentali tagħha; u billi dak il-perit, wara li kien issottometta lill-istess Maddalena Vassallo għall-interrogatorji sabiex jivvaluta l-istat tal-fakoltajiet psikiċi tagħha, u wara li kien żamm xi seduti fejn sema' taħt ġurament diversi xhieda, irrelata verbalment lil dik il-Qorti li mill-eżami li kien għamel ta' l-imsemmija Maddalena Vassallo rriżultalu li hija "prima facie" inkapaċi li tieħu kura ta' l-affarijiet tal-ħajja ċivili tagħha, l-istess Maddalena Vassallo ġiet provviżorjament interdetta b'digriet ta' dik il-Qorti tat-13 ta' Diċembru 1939; u wara ftit żmien, fis-27 ta' Marzu 1941, hija mietet, qabel ma l-Professur Vassallo kien espleta l-inkariku tiegħu;

Illi mir-relazzjoni tal-Professur Hyzler jirriżulta illi l-imsemmija Maddalena Vassallo kienet mentalment marida. Barra mil-"labe" ereditarja, u barra mill-fatt illi l-familja kienet tikkunsidraha bħala persuna marida b'rasha, hija kienet affetta b'ċerti ossessjonijiet. Kienet alluċinata, speċjalment fil-kamp viżiv. Kien jinsab fiha ċertu grad ta' negativismu; "idee coatte"; delirju rudimentali ta' persekuzzjoni, puwerilità fid-diportamenti tagħha; kambjament faċili ta' umur; sens ta' kontradizzjoni fid-diportament tagħha, speċjalment fis-sentiment reliġjuż; distrazzjoni; ostilità inġustifikata versu n-neputijiet; insonnja; alterazzjoni progressiva tal-memorja u fa-

ċili influwenzabilità—alterazzjonijiet mentali li fiimkien iwasslu għal dijanjosi illi l-istess Maddalena Vassallo kienet affetta mill-forma "Paranoide" ta' l-"Ischizofrenia" ("demenza precoce"); liema stat mentali fl-aħħar snin ta' ħajjitha ġie aggravat mill-età avanzata tagħha, b'effett speċjalment fuq il-fakoltà mnemonika; u dana l-istat mentali jġib illi l-istess Maddalena kienet persuna li faċilment setgħet tiġi nfluwenzata, kif fil-fatt ġiet;

Illi għalhekk il-perit ikkonkluda illi l-fuq imsemmija Maddalena Vassallo ma kienetx mentalment kapaċi li tagħmel iż-żewġ testmenti mpunjati;

Illi t-tliet periti addizzjonali fir-rapport tagħhom unanimement qablu ma' l-ewwel perit illi Maddalena Vassallo ma setgħetx tkun ċivilment kapaċi; għaliex, bħal l-ewwel perit, sabu fiha l-manifestazzjonijiet kollha l-aktar karatteristiċi tal-"psikosi skizofrenika";

Illi dik il-Qorti ma sabet ebda raġuni biex tiddipartixxi ruħha mill-konklużjonijiet konkordi ta' l-erba' periti psikjatri nominati fil-kawża; li taqbel ukoll ma' l-opinjoni espressa mill-perit nominat mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti f'epoka viċina għall-konfezzjoni tat-testmenti mpunjati in konnessjoni mal-proċeduri ta' l-*interdizzjoni* ta' l-*imsemmija* Maddalena Vassallo, fis-sens li dina ma kienetx kapaċi għall-attijiet tal-ħajja ċivili;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut nomine, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li dik is-sentenza tiġi revokata, billi jiġu riġettati t-talbiet ta' l-atturi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Illi* *Maddalena* Vassallo, skond ma jidher mill-provi li saru, għamlet tliet testmenti; l-ewwel wieħed fit-28 ta' Ottubru 1937 għand in-Nutar Angelo Cachia (fol. 15); it-tieni wieħed fis-27 ta' Lulju 1939 fl-atti tan-Nutar Dottor Antonio Galea (fol. 5); u l-aħħar fl-atti tan-Nutar Galea fis-27 ta' Awissu 1939 (fol. 13). Rigward dawn l-aħħar żewġ testmenti, jiġifieri dawk tas-27 ta' Lulju u tas-17 ta' Awissu 1939, l-appellanti biċ-ċitazzjoni isostnu li meta għamlithom Maddalena Vassallo ma kellhiex il-kapaċità meħtieġa, u għalhekk talbu li jiġu

dikjarati nulli u mingħajr effett. L-Ewwel Qorti, in bażi għall-konklużjonijiet tal-periti psikjatri minnha adoperati, laqgħet dik it-talba, u minn dik id-deċiżjoni nterpona appell il-konvenut nomine;

Ikkunsidrat;

Illi, kif ġie stabbilit minn din il-Qorti fit-22 ta' Ġunju 1939 fil-kawża "Giuseppe Formosa et. vs. Giuseppe Axiak et.", li kkonfermat b'adozzjoni tal-motivi s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fit-18 ta' Frar 1938, il-prinċipji li għandhom jirċievu applikazzjoni f'każi, bħal dak in eżami, ta' impunjazzjoni ta' testmenti mħabba l-insanità mentali tat-testatur, huma dawk hawn taħt miġjuba:—

1. Li l-kapaċità f' wieħed jagħmel testment hija r-regola, u l-inkapaċità hija l-eċċezzjoni. Għalhekk il-preżunzjoni "juris tantum" hija illi min jagħmel testment huwa kapaċi biex jiddisponi mill-beni tiegħu, salva l-prova kuntrarja, li trid issir minn min jaġixxi għall-impunjazzjoni tat-testment;—

2. Li regola oħra fondamentali hija dik stabbilita mill-paragrafu (d) ta' l-art. 634 tal-Kodiċi Ċivili, li huma nkapaċi li jiddisponu b'testment dawk li fi żmien it-testment ma jkunux f'sensihom ("of sound mind"). Konsegwenza ta' din ir-regola hija li min jimpunja testment irid jipprova li fil-mument li sar min għamlu ma kienx kapaċi;—

3. Li biex wieħed jista' jagħmel testment ma hemmx bżonn "una mente perfettamente e rigorosamente sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permette la coscienza di ciò che si fa; e per valutare i diversi gradi di debolezza di mente dei testatori si deve avere riguardo alla ragionevolezza o meno delle disposizioni testamentarie" (ara sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Torin ta' l-4 ta' Frar 1871, riportata fil-Giurisprudenza Torinese, Tomo VIII, paġ. 151; u Pacifici Mazzoni, Repertorio Generale di Giurisprudenza, Voce Eredità, nri. 187, 188 u 189). Huwa biżżejjed għal min jagħmel testment "che sia fornito di sufficiente percezione, raziocinio, o memoria, onde sia capace di determinazione e di volontà ragionata, e sappia che cosa voglia eleggere ed operare circa le persone e le cose. Nè a questa bastante mediocrità delle facoltà intellettuali ordinarie osta, per un testamento da farsi, che

talora si mostrino errori mentali e passeggiere apparenze di aberrazioni; poichè nel concorso di simili difetti, quando lo stato abituale esibisca la sicurezza di una comune ordinaria intelligenza, e non si conosca che al momento di testare sia in istato di aberrazione, non si può supporre una insania che escluda la facoltà di testare" (ara deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell ta' Genova tal-21 ta' Mejju 1866; Pacifici Mazzoni, loc. cit., nri. 199 u 202; u sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' Torin tat-28 ta' Diċembru 1866, riportata fil-Kollezzjoni tal-Bettini, Vol. XVIII, parte II, pag. 690);

4. Li biex tiġi stabbilita l-insanità mentali tat-testatur hemm bżonn li jirriżultaw indizi gravi; u kif qalet din il-Qorti fis-17 ta' Ġunju 1921 in re "Imbroll vs. Mugliett" (Kollez. Vol. XXIV—1—793) m'humiex biżżejjed "semplici congetture e possibilità, nè basta che i testimoni abbiano affermato che il testatore faceva atti da pazzo, senza specificare tali atti, e non possono neppure ammettersi delle vaghe induzioni, ma i fatti e gli argomenti devono essere precisi e concludenti trattandosi di persone dementi a riguardo delle quali non sono più possibili quegli esperimenti medico-legali, i quali d'ordinario rendono palese quel grado di abituale infermità di mente necessario a far ritenere un individuo incapace di provvedere ai propri interessi e a disporre delle proprie sostanze";—

5. Li l-Qrati Tagħna dejjem kienu renitenti li jammettu d-domandi biex jiġi annullat testment minħabba l-insanità mentali tat-testatur, jekk din l-inkapaċità ma tkunx irriżultat b'mod ċert minn fatti preċiżi u univoċi, u ma jkunx ġie pruvat li kienet teżisti fil-mument li t-testatur kien qiegħed jagħmel it-testment. It-Troplong (Donazioni tra vivi e testamenti, no. 463) jgħid li "è opinione ricevuta come vera che il testamento si deve presumere fatto nel tempo delle remissione del male, se l'infermo ha avuto dei lucidi intervalli e l'atto porta i caratteri della saggezza"; jew inkella, kif jgħid il-Mantica (De Conject., Vol. ult., Lib. II, Tit. 3, no. 7, ċitat mill-istes Troplong), jekk "il testamento è così fatto da non riscontrare in esso alcun segno di stoltezza";

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-iskorta tad-dottrina u tal-ġurisprudenza fuq ċi-

tati, għandhom jiġu eżaminati l-provi li ġew imressqin f'din il-kawża u dawk li għalihom saret riferenza. Jingħad, qabel xejn, li l-istess periti perizjori fil-bidu tar-relazzjoni tagħhom irrikonoxxew id-diffikultà tal-kompitu lilhom assenjat, billi Maddalena Vassallo, oġġett ta' dana l-istudju psikjatriku, hija mejta, u biex tiġi rikostruwita l-personalità ġuridika tagħha ma hemmx mezz ieħor ħlief dak ta' provi indizjarji u ċirkustanzjali ottenibili mix-xhieda, u l-apprezzament tagħhom u l-kompitu l-iżjed delikat u importanti ta'-perit, biex jista' jasal għal konklużjoni konformi għall-verità u għall-ġustizzja. Għalhekk, f'każi bħal dawn, il-konklużjoni tal-perit psikjatra tiddependi principalment, jekk mhux esklużivament, mill-apprezzament tal-provi li jkunu ġew imressqin quddiemu. Infatti, ġie żmien li din il-Qorti (5 ta' Mejju 1909, in re "Bartolo vs. Psaila", Kollez. Vol. XX, parte I, pag. 193) sostniet li "non si può commettere ai periti il giudizio sulla capacità mentale di una persona già morta al tempo in cui si ordina la perizia, perchè tale esame dei periti psichiatri si ridurrebbe all'apprezzamento, che spetta alla Corte, delle prove prodotte". U din l-istess Qorti, f'sentenza oħra tas-17 ta' Ġunju 1921 (Vol. XXIV—I—793), kompliet tgħid li "nè sarebbe qui inopportuno ripetere quanto trovasi scritto in due note in fondo alle colonne 390 e 760 della Parte Prima, Sezione Prima, Cassazione Civile, Giurisprudenza Bettini, anno 1917, cioè che circa la serietà dell'avviso dei periti chiamati a pronunciare sulla sanità mentale di un defunto in base a mal fidi elementi di prova orale, o a vaghe emergenze di scritti, è opportuna ogni maggiore riserva. Se i signori psichiatri sentissero tutti e sempre la dignità del loro ufficio, dovrebbero confessare francamente la vanità delle indagini, più o meno scientifiche, a loro commesse, quando si ordinano siffatte perizie. E i magistrati bene opererebbero ricusandosi a ordinarle. Imperocchè quando davvero il testatore non era sano di mente al tempo in cui ha fatto il testamento, se la lettera di questo non basta a dimostrarla, le prove orali e scritte bastano a persuadere il giudice, e non occorre sottoporle al preventivo esame di un perito. La sentenza data dalla Cassazione di Roma il 5 maggio 1917 in re 'Berardi vs. Opera Pia Berardi' ha confermato l'inanità delle perizie psi-

-chiatriche 'post mortem', delle quali sarebbe forse saggio consiglio dichiarare l'inammissibilità, giacchè l'opera scientifica e coscienziosa del medico non può essere spiegata con metodo sicuro se non su un soggetto vivo e presente";

Il-prinċipji stabbiliti bl-imsemmija sentenza ġew interpretati f'sentenza oħra posterjuri ta' din il-Qorti, jiġifieri f'dik tat-28 ta' Mejju 1926 in re "Danastas vs. Danastas" (Vol. XXVI—I—498), fis-sens li ma kienux ifissru li bija inammissibili l-prova per mezz ta' periti f'materja ta' impunjativa ta' testment billi t-testatur ikun ġà miet. U din l-aħħar sentenza kompliet tgħid li "sebbene questa Corte abbia nella causa 'Bartolo vs. Psaila' definita il 5 maggio 1909 (Collez. XX—I—193) ritenuto che non si può commettere ai periti il giudizio sulla capacità mentale di una persona già morta al tempo in cui si ordina la perizia, perchè tale esame dei periti psichiatri si ridurrebbe all'apprezzamento, che spetta alla Corte, delle prove prodotte, tuttavia tale giudizio emesso dalla Corte di Appello deve costruirsi nel solo senso della inopportunità della costituzione di una perizia psichiatrica per l'oggetto di contribuire la sua opinione circa la insanità mentale di un individuo che, per essere deceduto, non può essere assoggettato al suo esame diretto e personale, dovendo essa circoscrivere la sua opera alla raccolta dei fatti narrati dai testi e alla deduzione da essi e dall'esame del testamento impugnato di conclusioni circa l'incapacità o meno del soggetto a dettare disposizioni di ultima volontà — raccolta e deduzione che il tribunale può fare da sè senza l'assistenza degli esperti. Ma la Corte non ha inteso dichiarare inammissibile un tal mezzo probatorio nel senso che la sua produzione sia contraria alla legge e la Corte non possa accoglierla quando la ritenga spediente. Nessuna disposizione di vero, del Codice di Rito, il quale consente la prova per mezzo di periti al Capo IV del Titolo I del Libro III, vieta che se ne faccia uso in materia di impugnativa di testamento sul motivo che il testatore sia già morto";

Ikkunsidrat;

Illi qabel ma tgħaddi għall-eżami tal-provi, il-Qorti tibda biex tirrileva li l-atturi appellati fiċ-ċitazzjoni qiegħdu bħala kawża'i tat-talba tagħhom għan-nullità taż-żewġ testmenti

hemm indikati, li "it-testatriċi ma kellhiex il-kapaċità mentali meħtieġa meta għamlithom". Id-domanda, imbagħad, hija li jiġi dikjarat u deċiż li ż-żewġ testmenti fuq imsemmijin huma nulli u mingħajr effett "għar-raġunijiet fuq imsemmija u għal kull raġuni oħra li tirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża". Billi, skond il-liġi, il-kawża ta' kull domanda għandha tkun espressa b'mod ċar u ċert (art. 156 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), dik id-domanda tista' tiġi milqugħa biss fuq kawżali ċara u ċerta, u qatt fuq kawżali ġenerika bħal ma hi dik fuq riportata " u għal kull raġuni oħra li tirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża" (ara sentenzi ta' din il-Qorti tat-13 ta' Novembru 1933 in re "Bonaci vs. Wismayer", tal-21 ta' Mejju 1937 in re "Sultana vs. Buhagiar", u tal-25 ta' Ġunju 1937 in re "Bellizzi vs. Dr. Debono"). Dana qiegħed jingħad billi tant l-ewwel perit kemm il-periti addizzjonali sostnew li Maddalena Vassallo kienet persuna li faċilment setgħet tiġi influwenzata, u qalu li fil-fatt ġiet;

Fuq dan il-pont huwa utili li jiġi riportat bran ieħor mill-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti in re "Danastas vs. Danastas", fejn jingħad hekk:— "Attesocchè non può quel testamento venire nel presente giudizio dichiarato nullo per motivo di captazione e suggestione, non essendo tale causale dedotta nell'atto di citazione in sostegno della domanda neanche in linea subordinata, e non potendosi ritenere compresa ed involuta, siccome, giusta quanto venne deciso dal Tribunale di Palermo nel 23 settembre 1896 in re "Puccio vs. Manganelli" (Coen: Repertorio di Giurisprudenza, Voce Successione, no. 362) citata nella ricordata sentenza di questa Corte "Imbroll vs. Magliett", l'impugnazione del testamento per captazione e suggestione presuppone la capacità del testatore, e quindi contraddice alla impugnazione per incapacità assoluta";

Ikkunsidrat;

Illi Maddalena Vassallo twieldet fil-Belt Valletta fis-27 ta' Settembru 1868 (fol. 61), u mietet il-Ħamrun fis-27 ta' Marzu 1941. Hija ma kienetx miżżewġa, u kienet tgħix flimkien mat-tliet ħutha Modesta, Marta u Frances, li kollha mietu qabilha. Huma kienu nies magħmulin ta' wabedhom, u

f'darhom ma kienu jħobbu l-ħadd ħlief. għall-aħħar *disa' snin qabel mietet* Maddalena. liż-żewġ *sorijiet* li xehdu f'din il-kawża, u fl-aħħar erba' snin qabel dik il-mewt lill-Patri Francesco Spiteri, O.S.A., li xehed ukoll quddiem il-periti addizzjonali;

L-imsemmijin erbat' aħwa, ilkoll xebbiet, kienu imexxielhom bl-industrija u bil-għaqal tagħhom jakkwistaw xi ġid, u kif xehdet Carmela Shepherd, Maddalena qaltilha li kienu ħallew eredi lil xulxin, u wara l-mewt ta' *l-aħħar waħda jinbiegħ* kollox u r-rikavat imur għall-Missjoni;

L-imsemmijin aħwa Vassallo kellhom wieħed minn ħuthom kien jisimu Luigi, li kien miżżewweġ, u wara li *romol* reġa' ngħabar magħhom. Ma *jirriżultax meta* mietu Modesta u Marta; dawn però mietu qabel Frances, li mietet fis-sena 1937 jew fl-aħħar ta' l-1936, skond ma xehed l-imsemmi Patri Spiteri. Wara l-mewt ta' Frances baqgħu *superstiti Maddalena* u Luigi jgħixu flimkien; u meta fit-25 ta' Ġunju 1939 miet l-imsemmi Luigi, Maddalena baqgħet weħedha;

Iżda minn wara l-mewt ta' l-imsemmija Frances, u preċizament mis-sena 1937, kien beda *jiffrekwenta d-dar ta' Luigi* u Maddalena aħwa Vassallo, wara talba ta' dina Maddalena, l-imsemmi Patri Francesco Spiteri. Huw sar il-konfessur, tagħha, u hija fih kellha fiduċja kbira;

Fl-aħħar disa' xhur tal-ħajja ta' Luigi Vassallo, jiġifieri minn *Settembru* 1938 sal-ġurnata tal-mewt tiegħu, huwa kien jinsab mixħut fis-sodda, u Patri Spiteri, biex ikun jista' jassistihom, beda *jmur għandhom bi frekwenza akbar u kien* sar qisu wieħed minn tad-dar, tant li Luigi Vassallo ftit qabel ma miet irrikkmanda lil Patri Spiteri biex ikompli jieħu ħsieb oħtu Maddalena. Patri Spiteri intensifika l-assistenza tiegħu filbżonnijiet kollha ta' Maddalena, *u l-fiduċja tagħha fih* tant kibret li waħda *mix-xhieda* qalet li kien l-"Alla tagħha";

Wara ftit li Patri Spiteri sar midħla ta' Luigi u Maddalena, dina ta' *l-aħħar saret ħabiba* ma' Concetta *Chetcuti, oħt* l-imsemmi Patri Spiteri, li kienet *għadha* toqgħod l-Isla. Bdew imorru għand xulxin, u fi Frar ta' l-1940 l-imsemmija Chetcuti marret toqgħod il-Ħamrun ħdejn Maddalena, u bdiet tassistiha hija u binitha. Meta f'*Ġunju 1940* bdew *il-bumbardamenti* mill-ajru, Maddalena *rrifuġjat* ruħha fid-dar ta' Concet-

ta' Cheteuti, u baqgħet sal-ġurnata tal-mewt tagħha, jiġifieri għal disa' xhur, sas-27 ta' Marzu 1941;

Ikkunsidrat;

Illi l-imsemmijin aħwa Vassallo kellhom ħuhom iehor, li kien jismu Antonio. Dan miet ħafna żmien ilu, u kien jiġi missier l-atturi. Ir-relazzjonijiet ta' l-aħwa Vassallo ma' ħuhom Antonio, Marta u wliedu, kienu ħżiena, u marru għall-agħar meta lill-armla ta' Antonio ġiet offerta l-porzjoni li kienet tmiss lil uliedha mill-wirt ta' ħuhom, u hija rrispondiet li fuq parir ta' l-avukat ma kienetx sejra taċċettaha. Kif ammetta l-istess attur Joseph Vassallo (fol. 249), iz-zijiet tiegħu ħassew ruħhom offiżi u ħaduha bi kbira. Minn dak in-nhar, jiġifieri minn snin kbar qabel il-mewt ta' Maddalena, omm l-atturi ma daħletx iżjed fid-dar ta' l-aħwa Vassallo, għalkemm anki qabel kienet tidħol wisq rarament. L-istess Joseph Vassallo ammetta li meta missieru kien marid ħadd minn ħutu ma mar jarah, u li la z-zijiet u anqas in-nanna ma kienu jinġiebu ma' missieru. L-imsemmi Joseph Vassallo qal ukoll (fol. 215, 216) li wara l-mewt tan-nanna z-zijiet Modesta u Frances qatt ma kellmuh, u ma baqax imur għandhom għax ma kienux jagħtuh wiċċ;

Iżda barra dak li deher fit-trattazzjoni tal-kawża, bil-fors li kien hemm xi motiv serju li seta' jiġġustifika dawk ir-relazzjonijiet ħżiena ta' Antonio Vassallo ma' ommu u ħutu. Infatti, qabel l-inċident fuq imsemmi dwar il-wirt ta' Tommaso Vassallo, Antonio Vassallo kien imur f'daru jilmenta li ommu, għalkemm mimmu mitluba, ma kienetx tbierku, u darba qaltlu "Aqla', ja misħut" (fol. 250). U dik l-omm mietet ta' 86 sena u kienet tidher normali, skond ma xehdet Marianna Vassallo, l-armla ta' Antonio (fol. 95). Minn dak li ntqal fuq jidher li r-relazzjonijiet ħżiena ma kienux biss bejn Maddalena minn naħa u ħuha Antonio u wliedu mill-oħra, iżda ma' Maddalena kienu anki jieħdu sehem ħutha Marta, Modesta u Frances. Kwantu għal Luigi Vassallo, dan, kif issemma fuq, kien għamel żmien miżżewweġ u mbiegħed mid-dar ta' ommu u ħutu, u ma jidherx li kien ħa parti fil-kwistjoni ta' l-interessi li nqalgħet wara l-mewt ta' missieru. Dik il-kwistjoni, imqanqla mill-armla ta' Antonio, kienet jekk il-ġid li kien hemm iddar kienx tal-missier, u f'dan il-każ it-tfal ta' Antonio kien

**ikollhom sehem minnu, jew inkella kienx ta' wliedu Modesta. Marta**, *Frances u Maddalena*, **billi** l-ewwel tlieta, *u prinċipal*-**ment l-ewwel** wahda, kienu jaħdmu ta' ħajjata, u l-aħħar waħ**da kienet tieħu** ħsieb id-dar u żżomm il-kontijiet;

**Ikkunsidrat:**

**Illi f'din** il-kawża ma rriżultax b'mod ċar x'kienu d-dispo**żizzjonijiet** *testamentarji ta'* **Modesta**, Marta u *Frances* aħwa **Vassallo. Mill**-kliem ta' Maddalena max-xhud Shepherd wie**ħed jista'** jaħseb li l-imsemmijin aħwa Vassallo ddisponew biss *favur xulxin*. *Iżda prova żgura* **fuq** b**ekk** *ma ġietx* **prodotta**, u **l-atturi fix-xhieda** taghhom ma semmew xejn li wirtu xi ħaġa **mill-imsemmija** żijiet *taghhom Modesta*, Marta u Frances. **Fil-ħsieb tal-Qorti**, jekk wirtu ma kienux sejrin jonqsu li jgħiduh, b'ex juru li anki Maddalena messha ħasset id-dover *u ma* **kell**-*hiex raġuni biex ma taghmelx bħalhom*;

**Ikkunsidrat;**

Illi mid-dokumenti *eżibiti jidher* li Maddalena Vassallo **ghamlet tliet** testmenti; l-ewwel wieħed **fit-28** ta' **Ottubru 1937 ghand** in-Nutar Angelo Cachia (fol. 15), it-tieni fis-27 *ta' Lul*-**ju** *1939 ghand in-Nutar* Dottor Antonio *Galea (fol. 5)*, u l-aħ**ħar wieħed** ghand l-istess **Nutar Galea fis-17** ta' **Awissu 1939 (fol. 13).** Bl-ewwel wieħed, **wara** *li* ħasbet **ghall-funerali u ghall-quddies**, ordnat li £60 **jigu** moghtija lill-Missjoni **tal-Kappuċċini** fl-Indja, £5 lill-Istitut tas-Sacro Cuore (ta' **Nuz-zu**), *il-bjankerija kollha, ilbiesi u mobbli lil*-"Little Sisters of **the** Poor". Ordnat ukoll li ż-żewġ postijiet f'Raħal Ġdid, wie**ħed** Strada Sammat nru. 160, u l-ieħor Strada Santa Ubalde**ca nru.** 30, jekk ikunu ghadhom fl-assi taghha, jiġu mibjughin **mill-kappillan** ta' dak ir-raħal u r-rikavat jiġi depożitat fil-"Cassa *Amministrazioni Pie*" bħala kapital fruttiferu biex bl-imghax isiru quddies fil-parroċċa ta' l-imsemmi raħal. Waqqfet **fil-Knisja** tal-Kappuċċini tal-Floriana fundazzjoni ta' £10 fis-**sena** ghal quddies, u ordnat li dawk il-£10 ghandhom ikunu **bħala** piż reali, kwantu ghal £2 fis-sena fuq l-utili dominju **temporaneu** *ghal ċirka 113 sena ohra* tal-mezzanin il-**Hamrun, Annunciation** Street nru. 21, u kwantu ghal £8 fuq l-utili do**minju** temporaneu ghal ċirka 113-il-sena ohra tal-mezzanin il-**Hamrun**, Annunciation Street nru. 23. Wara dawk id-dispo**żizzjonijiet** il-testatriċi **nnominat** bħala werrieta taghha l-in-

neputijiet tagħha Giuseppe u Maria Vassallo; u jekk xi ħadd minnhom jiġi nieqes, issostitwiet lill-uliedu; u in mankanza ta' dawn, bid-dritt ta' l-akkrexximent bejniethom. Fl-aħħarnett bħala eżekutur testamentarju nnominat lil ħuha Luigi Vassallo, li kellu jibqa' jamministra l-assi tagħha sakemm jitħallsu l-ispejjeż kollha inerenti għall-wirt, komprża t-taxxa tas-suċċessjoni, l-ispejjeż tal-funerali, tal-fundazzjonijiet ordnati bit-testment, kif ukoll il-legati piji; u għalhekk l-eredi minnha istitwiti ma jkollhomx dritt jeżiġu li jieħdu f'idejhom l-amministrazzjoni tal-beni ereditarji qabel ma l-eżekutur ikun eżegwixxa l-inkariki kollha;

Bit-tieni testment, tas-27 ta' Lulju 1939 (fol. 5) Maddalena Vassallo, bdiet biex ħassret kwalunkwe dispożizzjoni minnha preċedentement magħmula, u għaddiet biex iddisponiet dwar il-funerali u l-quddies li kellu jsirilha. Ħalliet £60 biex jitqassmu £5 kull wieħed lill-istituti piji minnha indikati. Ħalliet iż-żewġt idjar f'Raħal Ġdid f'idejn il-Kurja ta' l-Isqof biex jitwaqqfu żewġ benefizzji biex bihom ikunu jistgħu jsidu saċerdoti żewġ seminaristi foqra. Iddikjarat li waħda minn dawk id-djar kienet mikrija £15 fis-sena u tħallas ċens perpetwu ta' £2 fis-sena lil Paolo Carcana, u l-oħra kienet mikrija £14 fis-sena u tħallas ċens perpetwu ta' 14s. 6d. fis-sena. Obligat lil dawk il-qassisin li jkunu gawdew minn dawk il-benefizzji li jqaddsu tnax-il quddiesa fis-sena, li kellhom jitqaddsu kull l-ewwel Tnejn tax-xahar. Sakemm dawk il-benefizzji jkunu vakanti, il-frutti għandhom jiġu impjegati f'quddies bl-elemożina ta' sitt soldi iżjed minn dik korrenti. Ordnat li l-utili dominju għal ċirka 119 sena oħra tal-mezzanin nru. 23, Annunciation Street, Ħamrun, jekk ikun għadu fl-assi tagħha, jiġi mibjugħ mill-Gwardjan "pro tempore" tal-Patrijiet Kappuċċini tal-Furjana, u r-rikavat jiġi depożitat bħala kapital fruttiferu, biex bl-imgħax isiru quddies bl-elemożina ta' sitt soldi iżjed minn dik korrenti fil-Knisja ta' dawk il-Patrijiet għar-ruħ it-testatriċi u skond l-intenzjoni tagħha. Iddikjarat li dak il-mezzanin huwa suġġett għaċ-ċens temporanew ta' £1. 4. 1 fis-sena, rata ta' ċens akbar, favur il-Patrijiet Dumnikani ta' Vittorjosa. Ħalliet b'titolu ta' legat lil Concetta mart Giuseppe Chetcuti l-utili dominju temporanew għal ċirka 111-il sena oħra tad-dar nru. 21 An-

nunciation Street, Hamrun, soggetta ghar-rata taghha ta' cens temporanew ta' £1. 4. 1 versu l-Patrijiet Dumnikani ta' Vittorjosa; u f'każ ta' mewt ta' dik il-legatarja, issostitwiet lil uliedha. Halliet ukoll b'titolu ta' legat lin-neputijiet taghha Giuseppe u Maria ahwa Vassallo d-dar nru. 6 Strada Herba, Birkirkara, bis-sostituzzjoni ta' wliedhom; u in mankanza bid-dritt ta' l-akkrexximent bejniethom. Halliet lill-Istitut "San Paolo" tal-Hamrun, kull ma jkun hemm fid-dar taghha dak in-nhar tal-mewt, b'eċċezzjoni tal-flus u titoli li jirrappreżentaw il-flus. Ordnat li ż-żewġt idjar nri. 25 u 27 Annunciation Street, Hamrun, soggetti flimkien ghaċ-ċens temporanew ta' £1. 10. 0 fis-sena ghar-rimanenti 111-il sena favur il-Patrijiet Dumnikani ta' Vittorjosa, jekk ikunu ghadhom fl-assi taghha, jiġu mibjugha, u mir-rikavat jithallsu l-ispejjeż tal-funerali, suffraġi, it-taxxa tas-suċċessjoni, u kwalunkwe *spiża ohra inerenti ghall-wirt* taghha, u l-bilanċ ghandu jiġi kunsinjat lill-Kappillan "pro tempore" tal-Hamrun, biex jiġi minnu depożitat fil-"Cassa delle Pie Amministrazioni" bhala kapital fruttiferu, u l-imghax ta' kull sena in perpetwu jiġi konvertit f'quddies letti bl-elemożina ta' sitt soldi iżjed minn dik korrenti in suffraġju tar-ruh ta' hutha Francesca u Spiridione. Innominat bhala eżekutur testamentarju lil Patri Francesco Spiteri biex jeżegwixxi d-dispożizzjonijiet, u ordnat li jibqa' jamministra l-assi taghha sakemm jithallsu l-ispejjeż kollha inerenti ghall-wirt, kompriża t-taxxa *tas-suċċessjoni*, l-ispejjeż tal-funerali u tal-fundazzjonijiet ordnati bit-testment, u kwalunkwe spiża ohra. Fil-każ li Patri Spiteri ma jkunx jista', jew ma jkunx irid jaċċetta dik l-eżekutorja, innominat minflokú lill-Avukat Dottor Tommaso Caruana Demajo;

Bl-ahhar testment, dak tas-17 ta' Awissu 1939 (fol. 13), Maddalena Vassallo rrevokat il-legat minnha preċedentement maghmul favur Giuseppe u Maria ahwa Vassallo, tal-fond nru. 6 Strada *Herba*, *Birkirkara*, u minflok assenjatu lil Concetta mart Giuseppe Chetcuti;

Ikkunsidrat:

Illi l-atturi appellati, b'rikors tal-4 ta' Ottubru 1939, bdew proċeduri quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re ghall-interdizzjoni ta' l-imsemmija Maddalena Vassal-

lo minħabba l-inkapaċità mentali tagħha. Fl-ewwel xhieda minnu mogħtija (fol. 107-108) Joseph Vassallo qal li għamel dawk il-proċeduri ta' l-interdizzjoni billi xi ġimgħa qabel Patri Spiteri kien qalilu li Maddalena Vassallo kienet qiegħda tonfoq wisq u kienet sejra tibiegħ xi stabili, u sabanzitra wrieh id-dokumenti taż-żewġ postijiet li kellha Raħal Ġdid. Din iċ-ċirkustanza ġiet negata minn Patri Spiteri fix-xhieda tiegħu. Fid-depożizzjoni tiegħu quddiem il-periti addizzjonali l-attur Joseph Vassallo ta raġuni oħra għal dak l-aġir, u qal li mar ir-Reġistru Publiku u sab li f'għoxrin ġurnata Maddalena Vassallo kienet għamlet żewġ testmenti; allura kkonsulta ruħu ma' l-avukat tiegħu u beda l-proċeduri ta' l-interdizzjoni. Huwa ta' min jinnota li l-atturi ebda pass ma ħadu meta Maddalena Vassallo għamlet l-ewwel testment tat-28 ta' Ottubru 1937, u tharrku biss għall-interdizzjoni tagħha wara l-aħħar żewġ testmenti, tas-27 ta' Lulju u tas-17 ta' Awissu 1939, għalkemm il-kawża ta' l-inkapaċità minnhom pretiża kienet teżisti wisq qabel is-sena 1937;

Fuq l-imsemmi rikors għall-interdizzjoni ta' Maddalena Vassallo l-Qorti innominat lil Professur Victor Vassallo biex jirrelata fuq it-talba; u kif jidher mid-dokumenti fil-fol. 84-99 tal-proċess, huwa żamm diversi seduti u sama' diversi xhieda biex jaqdi dak l-inkariku, li però ma ġiex espletat minħabba l-mewt ta' Maddalena Vassallo, li ġrat fis-27 ta' Marzu 1941. Dawk is-seduti saru u dawk ix-xhieda nstemgħu wara li l-imsemmi Professur Vassallo kien għamel eżami twil fuq Maddalena Vassallo. Dan l-eżami sar fit-28 ta' Ottubru 1939, jiġifieri xahrejn u ħdax-il ġurnata wara l-aħħar testment tagħha tas-17 ta' Awissu 1939. Fix-xhieda tiegħu l-Professur Vassallo (fol. 105 tergo) qal li l-iżjed li ikkolpih minn dak l-eżami kien li Maddalena Vassallo ma kienetx orjentata "perfettament għaż-żmien". Hija qaltlu li kellha 68 sena, ftit anqas minn kemm realment kellha; qaltlu li kien ix-xahar ta' Ottubru; u meta ġiet mistoqsija fuq il-ġurnata qalet li kien il-Ħamis, mentri kien is-Sibt. Ma setgħetx tiftakar li kellha ħuha l-manikomju, u anqas ftakret fih għalkemm ftit qabel kienet qaltlu (lil Professur Vassallo) kemm kien ilu l-manikomju. Mistoqsija kemm kellha ħutha, irrispondiet li ħdax; u mistoqsija għall-ismijiet tagħhom, sem-

miet erbgha biss: Modesta, Marta, Francesca u Luigi. Mistoqsija mill-perit, qaltlu li kellha żewġ stabili Casal Pawla, wiehed mikri £13 u l-iehor £14 fis-sena, u li barra d-dar fejn kienet toqghod il-Hamrun kellha sitt stabili ohra l-Hamrun, wiehed mikri 14s. fix-xahar, iehor £18 fis-sena, tnejn £10 fis-sena kull wiehed, iehor £12 fis-sena, u iehor £14 fis-sena. Qaltlu li kienet in korrispondenza ma' hafna nies barra, fosthom wiehed Arċisqof; urietu li kienet thobb titkellem bl-Ingliż; semmietlu li sentejn qabel kienet mardet u li kien jikkuraha Dottor Anastasi. Mistoqsija ghal liema marda kienet ġiet ikkurata, irrispondiet li ghad-dijabete. Mistoqsija kemm kien ilu li miet huha Luigi, irrispondiet xi tliet xhur. Il-Professur Vassallo qal li minn dak l-eżami li huwa ghamel ma rriżulta lu xejn u ma setax jirrileva jekk kienetx bniedma allucinata jew deluża. Mistoqsija kemm kienet ilha taf lil Patri Spiteri, irrispondiet li xi sentejn. Mistoqsija xi xtrat il-granet ta' qabel u l-prezzijiet korrenti ta' l-affarijiet ta' l-ikel, hija ma gharfetx tirrispondi, u qalet:— "Halli ngib il-kotba ghax jiena nniżżel kollox, ghax ma niftakarx." Fl-ahhar tax-xhieda tieghu l-Professur Vassallo pprometta li jesibixxi kopja tan-notament li kien żamm meta eżamina lil Maddalena Vassallo. Dana n-notament ma ġie qatt eżibit, ghalkemm kien mehtieġ hafna billi l-Professur Vassallo ta x-xhieda tieghu fil-11 ta' Diċembru 1941, jiġifieri iżjed minn sentejn wara l-eżami tieghu fuq Maddalena Vassallo, u huwa maghruf li l-imsemmi Professur Vassallo huwa bniedem imhabbat hafna minhabba l-okkupazzjonijiet professjonali tieghu, u mhux probabili li seta' jibqa' jiftakar bi preċiżjoni r-risposti li taghtu Maddalena Vassallo;

Iżda anki mix-xhieda tieghu jirriżulta li dina Vassallo qaltlu approssimativament l-età taghha u x-xahar li kienu fih; indikatlu b'deskrizzjoni minuta l-proprjetà u r-renta taghha; semmietlu li mardet sentejn qabel; semmietlu li kienet mardet bid-dijabete (korroborata b'daqshekk mit-tabib); semmietlu min kien it-tabib kuranti; qaltlu kemm kien ilu li miet huha Luigi u kemm kienet ilha taf lil Patri Spiteri. Giet konfermata mix-xhieda ċ-ċirkustanza li kienet tikkorrispondi ma' nies barra, fosthom Arċisqof, u li kienet thobb titkellem bl-Ingliż. Minn dawk ir-risposti taghha xejn ma

jidher li l-memorja tagħha kienet ħallietha; u jekk, kif xehed il-Professur Vassallo, fir-risposti tagħha ħadet xi żball jew ma kienetx eżawrjenti, ma għandux jintesa' li dak il-mument Maddalena Vassallo kienet taħt orgasmu kbir, waqt eżami li dam sejjer madwar sagħtejn, u li, kunsidrata l-età tagħha ta' settwaġenarja, xejn ma kienet ħaġa kbira li moħħha għaja u ħadet xi żball. Huwa fatt sgur li għalkemm dak l-eżami sar fit-28 ta' Ottubru 1939, u Maddalena Vassallo mietet fis-27 ta' Marzu 1941, il-Professur Vassallo sa din l-aħħar data ma kien wasal għal ebda konklużjoni dwar l-inkapaċità mentali ta' Maddalena Vassallo pretiża mill-atturi. U dana apparti l-fatt fuq rilevat, li dak l-eżami sar xahrejn u ħdax-il ġurnata wara l-aħħar testment ta' l-imsemmija Maddalena Vassallo;

Ikkunsidrat;

Illi għall-prova ta' l-inkapaċità mentali ta' Maddalena Vassallo ġew imressqin quddiem il-periti diversi xhieda. Wieħed minn ta' l-ewwel kien Carmelo Saliba, li xehed l-ewwel darba quddiem il-Professur Vassallo fit-22 ta' Novembru 1939 (fol. 84). Qal li jil Maddalena kien ilu jafha xi sena u nofs, u li kien ilu seba' xhur li telaq mid-dar tagħha. Meta xehed hu kellu erbatax-il sena u disa' xhur. Għalhekk meta beda jiffrekwenta d-dar ta' Maddalena kien għadu kif għalaq it-tlettax-il sena, u meta ħareġ kien għadu kif għalaq l-erbatax-il sena. Dan ix-xhud xehed darbtejn quddiem il-Professur Vassallo u darb'oħra quddiem il-periti addizzjonali. Fl-aħħar xhieda qal li meta kien ma' Maddalena kellu xi ħmistax-il sena. Dan ix-xhud igħid li Luigi Vassallo kien igħidlu li Maddalena kienet nevrastenika minn mindu kellha erbatax-il sena; qal li Maddalena kienet tinsa, għalkemm ma setax igħid "x'kien li kienet tinsa"; li hija kellha ktieb li kien taħtlha Isqof, li kien għażiż għandha, u li kienet "tfarfru minn ġewwa kull faċċata xi erba' darbiet kuljum"; li Maddalena kienet tgerger li ma torqodx għaliex nevrastenika; li hija kellha minn tlieta sa erba' papoċċi, wieħed għal kull kamra biex tkun tista' tbiddel meta tgħaddi minn kamra għall-oħra biex ma tħammeġx; li hija kienet taħsel idejha kull meta tmiss xi ħaġa mhux tagħha;

Dawn iċ-ċirkustanzi qalhom fix-xhieda tiegħu tat-22 ta'

Novembru 1939 (fol. 84). Gimgħa wara, jiġifieri fid-29 ta' Novembru 1939, huwa reġa' deher quddiem il-Professur Vassallo, u żied ċirkustanzi oħra wisq iżjed ta' importanza minn dawk ta' qabel (fol. 92). Huwa qal li qabel miet Luigi Vassallo, oħtu Maddalena għai xi darbtejn qaltu li kienet tlesti s-sodda għal oħtha Frances, li kienet ilha mejta xi sena u nofs; kienet tlestilha s-soprakuxxin............. Kienet tgħidlu wkoll li dik oħtha kienet tmur torqod magħha fis-sodda ta' ma ġenbha, u li darba s-soprakuxxin ma sabitux u kienet rat lil oħtha titiajjar mal-kamra. Meta qal dan kollu lil Luigi Vassallo, dana qallu biex ma jieħux għaliha, għax rasha marida. Darb'oħra Maddalena qaltlu li semgħet lil oħtha l-mejtha tajtilha b'isimha, qamet u ma sabet lil ħadd; qaltlu li ma setgħetx tgħid dan il-fatt kienx ħolma jew realtà. Mistoqsi fil-kontroeżami, ix-xhud qal li ftakar f'dawk il-fatti għaliex meta mar id-dar (wara x-xhieda ta' qabel) missieru staqsieh jekk kienx qalhom. Dak ix-xhud l-ewwel ma jinsab kontradett minn missieru stess (fol. 107), li qal testwalment:— "Wara li xehed it-tifel tiegħi Carmelo, jiena kont kellimtu u hu kien qalli x'kienu staqsewh u x'kien xehed; jiena ma fakkartu f'xejn". Fit-tielet u l-aħħar xhieda tiegħu (fol. 260) Carmelo Saliba qal li s-sorijiet li kienu jmorru kuljum jaraw lil Maddalena ġie li staqsewh kienetx raqdet, u l-istess ħaġa ġie li għamel Patri Spiteri. Reġa' rripeta li Maddalena bħala regola kellha erba' papoċċi u ppreċiża fejn kienu jkunu, u qal li anki Patri Franġisk u s-sorijiet setagħu jarawhom. Irripeta wkoll li Luigi Vassallo kien igħidlu li Maddalena kienet nevrastenika u biex ma jieħux għaliha. Fil-kamra ta' Maddalena ġie li ra............... Qal li kien żgur darbtejn li rat lil oħtha Frances bil-lejl, u darba qaltlu biex ma.............. Huwa għamel xi ħmistax-il ġurnata jorqod fil-kamra ta' Maddalena, li malli torqod kienet taqbad tonħor; imbagħad f'daqqa waħda kienet tqum u tqajjem lilu biex jagħmlilha l-ovaltine, u billi ma tkunx tista' torqod kienet tgħidlu biex joqgħod magħha;

Mill-eżami tat-tliet depożizzjonijiet ta' Carmelo Saliba jidher li ma' kull waħda żied ċirkustanzi ġodda, dejjem iżjed gravi minn dawk ta' qabel. Iżda fil-ħsieb tal-Qorti dawk id-depożizzjonijiet tiegħu mhumiex attendibili, mhux biss min-

ħabba li ġie kontradett minn missieru stess, iżda anki minnu stess u minn xhieda oħra prodotti mill-atturi barra dawk prodotti mill-appellant nomine. Infatti, wara li qal li l-Ktieb li Maddalena qaltlu li kien tahulha Iaqof huwa kien jaraha tfarfru anki minn ġewwa kull faċċata xi erba' darbiet kuljum (fol. 84), iżjed 'il quddiem qal (fol. 86) li meta raha tfarfar dak il-ktieb ma kienetx tfarfru faċċata faċċata. Kwantu għall-papoċċi li qal li Maddalena kellha, ix-xhud jinsab kontradett, barra mis-sorijiet u minn Patri Spiteri, minn Dionisio Bugeja (fol. 263) u minn Carmelo Rodo (fol. 264). Kwantu għall-ħasil kontinwu ta' idejha li x-xhud qal kienet tagħmel Maddalena, ebda xhud ieħor ma jikkorroboraħ f'din iċ-ċirkustanża. Ix-xhud, għalkemm kien jisma' lil Maddalena tgħid l-affarijiet li semma u taġixxi fil-mod kif qal, qatt ma semma' xejn ma' Patri Spiteri u mas-sorijiet, non ostanti li, kif qal hu, kienu jistaqsuh jekk Maddalena raqdetx. Qal li b'dawk l-affarijiet kien igħid biss lill-attur Joseph Vassallo (fol. 86), u ma semma' xejn fuq hekk fiż-żewġ xhieda li ta (fol. 107 u 242). Qal ukoll ix-xhud li Luiġi Vassallo kien igħidlu li Maddalena kienet nevrastenika u ma kellux jieħu għaliha. Anki din iċ-ċirkustanza mhix verosimili, tant għaliex Luigi Vassallo ma kienx sejjer jiftaħ qalbu fuq oħtu ma' tifel ta' tlettax jew erbatax-il sena, kemm għaliex il-fatt li l-imsemmi Luigi Vassallo innomina lil oħtu Maddalena bħala werrieta tiegħu (fol. 407) mingħajr ma ħass il-bżonn li jinnomina lil xi ħadd biex jamministralha dak il-wirt huwa indiċi biżżejjed sew li ma għaddielux minn rasu li oħtu kienet mentalment defiċjenti li ma setgħetx tamministra ħwejjiġha u tiddisponi minnhom;

Ikkunsidrat:

Illi xhud oħra prodotta mill-atturi hija Mary Debono, li kienet seftura ma' Maddalena Vassallo għal seba' xhur sa April 1940, jiġifieri għall-perijodu posterjuri għall-aħħar testment ta' l-imsemmija Vassallo. Anki x-xhieda ta' dina Mary Debono ma tantx hija ta' min joqgħod fuqha. Waħda miċċirkustanzi minnha deposti hija li Maddalena f'kull kamra kellha altar (fol. 100 tergo), iżda fid-darba ta' wara li xehdet itkendiet li qabel kienet daqsxejn goffa u ħasset il-bżonn li tippreċiża li fil-kamra tas-sodda kellha altar kompit u f'erba'

kmamar oħra inkwatri fuq gradenza ta' kull kamra u żewġ vażuni. Ix-xhud issemmi xi alluċinazzjonijiet li tgħid li kellha Maddalena Vassallo, u sadattant, għalkemm kienet għadha xebba ta' dsatax-il sena, ma kienetx tibża', u qatt ma ħasset id-dover li tgħid bihom lit-Tabib Anastasi, li spiss kien imur jivviżita lil Maddalena, jew lil Patri Spiteri. Qalet li, għalkemm meta daħlet ma' Maddalena kienet ikkurdat bil-£1. 6. 0 fix-xahar, Patri Spiteri kien jagħtiha £1 biss: hija anqas irreklamat is-salarju miftiehem, jekk mhux għal ħag'oħra minħabba l-tbatija allegata li bil-lejl ma kienetx tista' torqod minħabba l-qawmien kmieni ta' Maddalena. Iżda qalet li kienu jorqdu f'xis-sebgħa ta' fil-għaxija; u huwa naturali li min jorqod hekk kmieni kien iqum kmieni wkoll, speċjalment meta jkun settwaġenarju bħal ma kienet Maddalena Vassallo. Dik ix-xhud tinsab kontradetta wkoll fejn qalet li t-Tabib Calamatta u tnejn oħra kienu marru għand Maddalena Vassallo biex jagħmlulha konsulta. Rigward iċ-ċirkustanza ta' l-età li, skond ix-xhud, kienet tgħidilha li għandha Maddalena, m'hu xejn verosimili li seftura għal darba, darbtejn, tliet darbiet, tistaqsi lis-sinjura tagħha kemm għandha snin. Del resto, meta f'dik l-istess epoka ġiet mistoqsija fuq hekk mill-Professur Vassallo, irrispondiet sewwa. Huwa ta' min jirrileva wkoll rigward ix-xhud Mary Debono, li għalkemm ġiet imdaħħla fis-servizz ta' Maddalena minn Patri Spiteri, u għalkemm kienet taf bl-avversjoni ta' l-istess Maddalena versu l-atturi u wliedhom, b'dak li kienet tara u tisma' fid-dar tas-sinjura tagħha ma kienet tgħid lil ħadd (fol. 102) ħlief lill-atturi;

Anki f'dan ġiet kontradetta, billi konfidenti oħra tagħha kienet ix-xhud Carmela Shepherd (fol. 105). Dina Shepherd kienet ġara ta' Maddalena Vassallo u għamlet ħames xhur toqgħod magħha fl-istess żmien li kien joqgħod magħha wkoll Carmelo Saliba, fuq imsemmi. Matul dawk il-ħames xhur Carmela Shepherd kienet torqod sodda ma' sodda ma' Maddalena, u din qatt ma qaltilha li bil-lejl kienet tara lil xi ħadd. Evidentement il-viżjonijiet tagħha Maddalena kienet tikkonfidahom biss lil Carmelo Saliba u lil Mary Debono! L-istess xhud Shepherd tikkontradiċi dak li qalu xhieda oħra dwar it-tibdil ta' papoċċi jew żraben li kienet tirrikjedi Mad-

dalena għal min jidħol minn kamra għal oħra. Tirribadixxi li Maddalena u ħutha kienu magħmulin ta' weħedhom, u f'darhom kienu midħla biss sorijiet u Patri Spiteri. Tgħid ukoll li Maddalena ġie li semmiet għala kienet miksura ma' l-atturi, jiġifieri għal dik ir-raġuni li ġiet imsemmija f'wieħed mill-paragrafi preċedenti. Shepherd qalet li matul il-ħames xhur li damet magħha Maddalena dejjem ħallsitha u qatt ma kellhom inċidenti ta' xejn; u matul dak iż-żmien qatt ma innutat li Maddalena wriet difetti fil-memorja jew fid-diskors (fol. 236). Hija kienet torqod fl-istess kamra sodda ma' sodda ma' Maddalena, u matul dawk il-ħames xhur ma tafx li Maddalena kellha ħolm jew aġitazzjoni f'rasha (fol. 237);

Il-periti addizzjonali deħrilhom li kellhom bżonn l-opinjoni tax-xhud Shepherd fuq l-istat mentali ta' Maddalena, u x-xhud irrispondiet li ma kienetx regolari f'moħħha. Apparti l-importanza ta' risposta simili, x'riedet tgħid ix-xhud b'dik ir-risposta tagħha jidher mill-parti preċedenti tax-xhieda tagħha, fejn qalet li l-ġirien kienu jikkunsidrawha li mhix regolari f'rasha għax hija filli tkellmek u ssellimlek u filli ma tħarisx lejk. Iżda x-xhud ħasset il-bżonn li tippreċiża u tgħid :— "Aħna l-ġirien ma konniex inżommuha bħala miġnuna". Kwantu għaċ-ċirkustanza deposta mix-xhud li Maddalena kienet qaltilha li ma kienet tieħu xejn minn taħt idejn ommha u ħutha għax tibża' li javvelenawha, ix-xhud fil-kontroeżami fissret li dak id-diskors qalitulha riferibilment għal meta kien jagħtiha l-attakk ta' rasha, li meta kien jagħtiha kienet tinxteħet, tingħalaq fid-dlam, ma tiekol xejn u ma trid tara lil ħadd (fol. 105). Apparti li dan id-diskors kien sar, jekk fil-fatt sar, wisq żmien qabel, jiġifieri meta kienet għadha ħajja omm Maddalena, jinsab esklużmix-xhieda li kienu jiffrekwentaw id-dar tagħha u mix-xhud Dottor Anastasi li minn dawk l-attakki Maddalena ma kellhiex almenu għaż-żmien ta' dik il-frekwenza, jiġifieri għal żmien twil ħafna;

Ikkunsidrat;

Illi in vista tal-kontradizzjonijiet, ta' l-eżaġerazzjonijiet u ta' l-inverosimiljanzi riżultanti mid-depożizzjonijiet tax-xhieda prodotti mill-atturi, il-Qorti jidhrilha li għas-soluzzjoni ekwa u ġusta tal-kwistjoni li għandha quddiemha huwa prefe-

ribili li toqgħod fuq dak li qalu t-Tabib Anastasi, Carmelo Rodo, Benedetto Giuseppe Grixti, Suor Giuseppina del Sacro Cuore, Suor Giacinta, u n-Nutar Dottor *Antonio* Galea. Ma' dawn ma ġiex imsemmi Patri Spiteri mhux għaliex il-Qorti tiddubita għal mument li *ma* qalx il-verità, iżda biex issemmi nies li *ma* setgħu kellhom ebda nteress fl-eżitu ta' din il-kawża, billi ebda benefiċċju ma jkollhom jekk tiġi maqtugħa mod jew ieħor;

Kwantu għax-xhieda tat-Tabib Anastasi, ma jistax ma jingħatax lilha importanza kbira billi huwa kien għal żmien twil (ħames snin kif jgħid hu, u max-il sena kif jgħid l-attur Joseph Vassallo) u sal-mewt tagħha t-tabib kuranti ta' Maddalena Vassallo. Huwa kien imur għandha spiss, tant li Carmela Shepherd qalet li ma' tul il-ħames xhur li damet *ma'* Maddalena Dottor Anastasi kien imur kuljum. Huwa qatt ma ra xejn anormali fiha; il-memorja tagħha kienet tajba, l-antik *tiftakru iżjed mill-preżent; id-diskors tagħha kien regolari*, u darba baqa' *mista'ġeb* meta semagħha tagħti bl-akbar eżattezza lill Professur Caruana d-dati tat-testmenti tagħha. Ikkonferma dak li Maddalena qalet lill-Professur Vassallo, jiġifieri li kienet marida bid-djabete. Qal li eżami speċjali tal-fakoltà mentali tagħha huwa qatt ma għamel, iżda assikura li kieku qatt kellha xi alterazzjonijiet kien jinduna mid-diskors li kien ikollu magħha. Kuntrarjament għal dak li qalu x-xhieda ta' l-atturi, huwa qal li Maddalena kienet nadifa fil-persuna u fiddar ukoll. Hija qatt ma semmietlu li kellha xi viżjonijiet, u qatt ħadd minn dawk li kienu magħha ma semmielu fuq hekk. Kompla jgħid li Maddalena bdiet tiżbalja xi kelma fl-aħħar ġimgħat ta' ħajjitha, u dal-kambjament kien sar rapidament. Għalkemm diversi mix-xhieda qalu li Maddalena kienet spiss tilmenta minn rasha, Dottor Anastasi xehed li fuq hekk miegħu qatt ma lmentat (fol. 269). Huwa kien jikkunsidraha bħala eċċentrika, iżda minn eċċentrika għal miġnuna hemm differenza immensa. Din il-*Qorti* fis-*sentenza* fuq ċitata "Danastas vs. Danatas" (Vol. XXVI—I—498), fuq l-iskorta tal-Giorgi (Delle Obbligazioni, Vol. III, no. 65), u tat-Taylor (Medical Jurisprudence, Vol. II, Chap. 97, c. 534), qalet li

f'każi bħal dan il ġudizzju tat-tabib kuranti għandu jkollu piż kbir, "essendo fondato sull'esame personale e diretto del paziente, il quale esame, sebbene non sempre inteso a sondare la capacità mentale del soggetto, viene fatto da persone a cui non può sfuggire qualunque sintomo di debolezza mentale";

Kwantu għax-xhieda ta' Suor Giuseppina del Sacro Cuore u ta' Suor Giacinta, li għal disa' snin sal-mewt tagħha kienu jmorru kuljum għand Maddalena Vassallo, u jgħaddu xi siegħa u nofs f'konversazzjonijiet twal magħha, ma jistgħux ma jkollhomx importanza kapitali f'din il-kawża. Huma kienu jiffrekwentaw dik id-dar meta kienu għadhom ħajjin l-aħwa l-oħra ta' Maddalena, li kien jisimhom Marta, Frances u Luigi. Qalu li lkoll kienu jinġiebu, ma' Maddalena kien ikollhom diskorsi twal u qatt ma nnutaw ebda anormalità; dejjem sabuha kalma, prudenti, edukata. Kienet istruwita, u kkonfermaw li kellha korrispondenza ma' ħafna nies, fosthom żewġ isqfijiet. Qatt ma semmietilhom li rat lil ħutha l-mejtin, iżda darba qaltilhom li ħolmot b'oħtha Frances, li kienet qisha qiegħda tkellimha. Innegaw dak li qalu x-xhieda ta' l-atturi fis-sens li kienu jingħalqu f'kamra waħda, u qalu li l-kmamar kienu jkunu miftuħin u aċċessibbli għal kulħadd. Ix-xhud Benedetto Giuseppe Grixti qal li kien jiffrekwenta d-dar ta' Vassallo, u meta Luigi kien marid kien imur jarah kważi kuljum. Kien jara lil Maddalena ddur b'ħutha, u fid-diskorsi li kellha miegħu qatt ma żbaljat. Qal li Maddalena kienet taqbel ma' kulħadd barra minn oħtha Marta. Ix-xhud Carmelo Rodo qal li dam jiffrekwenta d-dar ta' Maddalena xi sena u nofs, sakemm mietet. Hija kienet mara nadifa, u qatt ma ra f'darba l-insetti li semmew xhieda oħra ta' l-atturi. Huwa qatt ma ra xejn f'Maddalena, u l-memorja tagħha kienet tant tajba li kienet tkun taf kemm kien ikun hemm ħajd id-dar, u kienet tgergirlu meta kien jieħu xi ħajda mingħajr ma jgħidilha;

In-Nutar Galea qal li sar jaf lil Maddalena Vassallo fl-okkażjoni tat-testmenti li għamlet fl-attijiet tiegħu, u skond l-idea tiegħu kienet persuna normali u kapaċi tagħmel testment. Fl-okkażjoni ta' l-ewwel testment Maddalena flimkien ma' Patri Spiteri, jew dan ta' l-aħħar waħdu, tawh kopja tat-testment ta' Luigi Vassallo, u qalulu li riedu jagħmlu testment analogu barra xi dispożizzjonijiet. In-Nutar irrediġa t-

testment, u fil-ġurnata fissata spjegalha l-kontenut u hija fehmet kollox. Ftit xhur wara (fil-fatt kienu biss tliet ġimghat) Maddalena Vassallo għamlet testment ieħor, li bih biddlet xi dispożizzjonijiet rigward niesha, u qalet lin-Nutar li kienet qiegħda tagħmel hekk għaliex ma ratx rispett minn għandhom. Tant Maddalena kemm Patri Spiteri kienu qalulu kif għandu jitbiddel it-testment, u Patri Spiteri kien preżenti għall-pubblikazzjoni taż-żewġ testmenti;

Ikkunsidrat;

Illi fl-aħħarnett, skond il-ġurisprudenza u dottrina ċitata fil-bidu ta' din is-sentenza, hemm bżonn li jiġi eżaminat jekk mit-testmenti mpunjati jirriżultawx dispożizzjonijiet li juru nuqqas ta' raġuni. L-atturi appellati jippretendu li hemm dispożizzjonijiet ta' dik in-natura, billi huma, l-aktar parenti viċini tat-testatriċi, ġew imħassra minn werrieta tagħha u bl-aħħar testment ġie anki mħassar il-legat li kienet ħallietilhom b'dak ta' qabel; tant li mill-wirt tagħha ġew esklużi għal kollox u ma messhom xejn. Huwa veru li fit-testment ta' qabel, jiġifieri dak magħmul għand in-Nutar Angelo Cachia fit-28 ta' Ottubru 1937, it-testatriċi, wara li ddisponiet minn parti kbira ta' l-assi tagħha f'legati piji, innominat lill-atturi bħala werrieta tagħha. Iżda, bħal ma sewwa osserva l-appellant nomine fin-nota tiegħu quddiem din il-Qorti, jekk fit-testment ta' Maddalena Vassallo kien hemm xi ħaġa strana, din l-istranezza kienet fil-fatt li hija ddisponiet favur in-neputijiet tagħha, li minn dejjem kellha avversjoni kbira għalihom (mhux hi biss, imma ħutha l-bniet ukoll), u li qatt ma riedet taf bihom, u anqas huma ma riedu jafu biha. Dak it-testment sar ftit wara, jiġifieri ftit ġranet wara dak li għamel ħuha Luigi, u għand l-istess nutar, u aktarx li Maddalena għamlitu biex tikkuntenta u ma tiksirx il-kelma ta' ħuha Luigi li, bħal ma ġie mfisser iżjed 'il-fuq, ma kienx f'relazzjonijiet tant ħżiena ma' l-atturi. Aktarx ukoll li Luigi Vassallo kien informa lill-atturi bil-kontenut ta' dak it-testment, billi huma ma tħarrkux biex jinterdiċu lil Maddalena wara li għamlet dak it-testment bħalma għamlu meta saru jafu biż-żewġ testmenti posterjuri, għalkemm, skond it-tezi tagħhom, Maddalena kienet mentalment inkapaċi minn meta kienet żgħira. U xi prova akbar tar-raġonevolezza tad-dispożizzjonijiet kontenuti fit-testmenti

mpunjati mill-fatt stess li l-atturi hasew li bihom kienu ġew mixħutin barra? U għala ħasew hekk jekk mhux għar-raġuni li kienu persważi li Maddalena ma kellha ebda affezzjoni għalihom u ma kellha ebda motiv li tibbenefikahom?

Gara infatti li bil-mewt ta' Luigi Maddalena ħasitha iżjed libera li tiddisponi minn ħwejjigha, u mill-banda l-oħra, kif kien naturali, billi baqgħet weħedha ngibdet iżjed lejn Patri Spiteri, li kien l-uniku bniedem li kien fadlilha li setgħet tafda fih u tirrikorri għandu fil-bżonnijiet tagħha. Billi Patri Spiteri huwa reliġjuż u ma jistax jakkwista ġid ta' l-ebda xorta, Maddalena, ħasbet li setgħet turi ruħha grata versu lejh, għal kull ma kien għamel magħha għal tul sentejn u għal dak li kienet tistenna li jagħmel magħha 'l-quddiem, billi tibbenefika lill-oħtu Concetta Chetcuti, li kienet ġà għamlet konoxxenza tagħha u kienet tmur għandha l-Isla. Għar-raġunijiet fuq miġjuba ma jistax jiġi ritenut li d-dispożizzjonijiet kontenuti fit-testmenti mpunjati huma bla raġuni;

Dawk id-dispożizzjonijiet huma fil-parti kbira legati "ad causas pias", u mill-provi kollha li ġew imressqin il-Qorti hija soddisfatta li dawk il-legati kienu konformi għall-fehmiet reliġjużi tat-testatriċi. Id-dispożizzjonijiet l-oħra favur Concetta Chetcuti għandhom il-motiv tagħhom u l-fondatezza tagħhom fil-konsiderazzjonijiet imsemmijin iżjed 'il-fuq. Jingħad ukoll li Maddalena Vassallo, meta ġiet biex tagħmel l-aħħar testment, qalet lin-nutar għaliex riedet teskludi lil niesha, jiġifieri għax qatt ma rat rispett minn għandhom, u dik ir-raġuni kienet konformi għall-verità;

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti ma tistax tilqa' l-konklużjonijiet tal-periti adoperati mill-Ewwel Qorti, għaliex jinsabu bażati fuq provi li, bħal ma ntqal fuq, mhumiex attendibili. Mill-provi li saru l-Qorti ma hix moralment konvinta li Maddalena Vassallo, meta għamlet it-testmenti mpunjati, ma kellhiex il-koxjenza ta' dak li kienet qiegħda tagħmel u volontà proprja, dak li huwa meħtieġ biex it-talba ta' l-atturi tista' tiġi milqugħa (ara sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Ottubru 1922 in re "Ganci vs. Mercieca", Kollez. Vol- XXV—I—246). Kif ġà ngħad iżjed 'il-quddiem, billi l-kawżali tal-kaptazzjoni u suġġestjoni

[…]ma tirriżultax mić-ċitazzjoni fil-mod li titlob il-liġi, din il-Qorti […]ma tistax tieħu konjizzjoni tad-domanda fuq din il-kawżali;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-appell u tirrevoka fil-meritu s-sentenza appellata, billi tirrespingi t-talba miġjuba biċ-ċitazzjoni, u tirriformaha fil-kap ta' l-ispejjeż billi tordna li l-ispejjeż ta' l-ewwel istanza mħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ għandhom jibqgħu mingħajr taxxa, bid-dritt tar-reġistru kontra l-atturi. L-ispejjeż ta' din l-istanza jibqgħu wkoll mingħajr taxxa, iżda d-dritt tar-reġistru għandu jitħallas mill-atturi appellati.

[illegible]